**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Numru: 619 / 2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Paul Buttigieg**

**Joseph Buttigieg**

**Illum, 29 ta' Marzu 2023**

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti Paul Buttigieg imwieled Victoria, Għawdex fis-27 ta' Frar, 1992, bil-karta tal-identita' numru 0011492 G iben Loreto Buttigieg u Mary Rose Buttigieg nee' Cassar u residenti 66, Triq Dun Alwiġ Mizzi, Għarb u Joseph Buttigieg imwieled Għajnsielem, Għawdex, fit-13 ta' Awwissu, 1964, detentur tal-karta tal-identita' numru 32964 G, iben Angelo Buttigieg u Pauline Buttigieg nee' Cassar u residenti Seaview, Triq Ta' Cordina, Għajnsielem, Għawdex, akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex):

Talli fis-16 ta' Ġunju, 2021, għall-ħabta ta' 16. 30hrs bil-bastiment kummerċjali S 20494 ġol-Crystal Lagoon, Kemmuna naqsu li jobdu direzzjonijiet (Standards for Transport Service Providers and for Passengers using Transport Services) maħruga mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika applikabbli għas-servizzi tat-trasport hawn fuq indikati, meħtieġa għall-kontroll tal-mard taħt Kapitlu 465 – Liġijiet ta' Malta liema direzzjonijiet ġew maħruga biex jikkombattu l-Covid-19.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat-22 ta' Novembru, 2022, fejn il-Qorti sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjoni mressqa fil-konfront tagħhom u wara li rat l-Istandards for Transport Service Providers and For Passengers using Transport Services u l-artikolu 44 tal-Kap 465 tal-Liġijiet ta' Malta u kkundannathom għall-ħlas ta' multa ta' tlett mitt Ewro kull wieħed.

Rat ir-rikors tal-appellanti Paul u Joseph Buttigieg minnhom ippreżentat fl-1 ta' Diċembru, 2022, fejn talbu lil din il-Qorti jogħġobha sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement teħles lill-imputati minn kull ħtija u piena.

Rat illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

<u>**Illi fl-ewwel lok**</u> l-imputati ġew akkużati bi ksur tal-Istandards for Transport Service Providers and For Passengers using Transport Services. Illi dawn l-Istandards huma biss linji gwida u ma għandhomx il-forza ta' liġi. Lanqas jirriżulta illi dawn l-istandards huma fost ir-regolamenti li l-Ministru responsabbli jista jagħmel taħt il-poteri mogħtija lilu bis-saħħa tal-Artikolu 26 tal-Kap 465. L-istandards ma humiex regolamenti fit-termini tal-liġi, u lanqas qatt ma ngħataw il-forza ta' liġi. Inoltre, imkien f'dawn l-istandards imsemmija ma hemm xi provvediment li jagħmel il-ksur tagħhom reat.

**Illi fit-tieni lok** ma ġiet ippruvata l-ebda delega li suppost saret fit-termini tal-Artikolu 5 tal-Kap 465 li semmiet l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Wieħed kien jistenna illi jekk din id-delega kienet xi prova ta' fatt kellu jinġieb id-dokument li a bażi tiegħu ingħatat din id-delega. Min-naħa l-oħra jekk id-delega kienet mogħtija in forza ta' xi liġi primarja jew sussidjarja, tali liġi kellha tiġi ċitata fis-sentenza. Il-fatt li l-artikolu 5 tal-Kap 465 jagħti poter lis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika li jiddelega, ma hijiex id-delega nnifisha. Fin-nuqqas ta' tali prova l-azzjoni meħuda mill-uffiċjali ta' Transport Malta kienet waħda monka u ma tista' twassal għall-ebda' sejba ta' ħtija.

**Illi fit-tielet lok** jirriżulta illi jekk kien hemm xi standards li dato se non concesso kellhom il-forza tal-liġi dawn ir-regolamenti llum tneħħew u xi ksur tagħhom m'għadux jikkostitwixxi reat. Nullum crimen sine lege u jekk illum il-fatt ma għadux jikkonstitwixxi reat l-imputati ma jistgħux jiħu misjuba ħatja tiegħu. Dan il-prinċipju hu enunċjat mhux biss mil-liġijiet ta' Proċedura Kriminali iżda saħansitra mill-Kostituzzjoni ta' pajjiżna.

Skont il-Professur Sir Anthony Mamo 'Notes on Criminal Law' Part I, taħt is-sub-titolu (i) 'Limitations by time' a fol 32:

*'The principle accepted in continental doctrine and practice which we follow in this matter, is that, if the law on which the charge is framed is repealed without any qualification while the proceedings are still pending, such proceedings fall to the ground and no sentence against the accused can be pronounced...... modern writers.......contend that that the principle in question has a true juridical foundation. Their argument is that, rather than an exception to the rule of non-retroactivity with regard to the new law, the said principle is an affirmation with regard to the former law, of the other rule that a law cannot operate after its repeal. In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would*

*be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.' (Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fid-29 ta' Marzu, 2019 fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Dr Paul Borg Olivier par.7 paġina 7).*

**Fir-raba' lok** u mingħajr preġudizzju għas-suespost is-sejba ta' ħtija mill-ewwel Qorti hija a bażi tal-provi miġjuba erronja. Dan għaliex anke jekk għall-grazzja tal-argument wieħed kellu jgħid illi kien hemm xi liġi simili fis-seħħ, l-appellanti qatt ma kienu l-persuni li setgħu xi darba jiġu misjuba ħatja tar-reat kif addebit lilhom. Dan għaliex ħadd miż-żewġ imputati ma kien il-kaptan tal-bastiment, jew kellu t-treġija tal-bastiment, jew kellu r-responsabbilta' ta' dak li kien qed jiġri fuq il-bastiment. Kif ikkonfermaw l-uffiċjali ta' Transport Malta, il-bastiment kien taħt ir-responsabbilta' ta' terza persuna u l-uniku involvement ta' wieħed mill-imputati (Joseph Buttigieg) kien li uffiċċjal ta' Transport Malta ikkuntattjah bit-telefon biex jgħidlu li se jinħarġu c-charges. L-ewwel Qorti qalet illi l-imputati għandhom jiġu misjuba ħatja sempliċiment għax huma s-sidien tad-dgħajsa. Dan hu fallaċi għaliex riedet tinġieb prova li jew huma kienu jafu jew li huma ippermettew. Prova bħal din ma nġabitx. Apparti hekk, f'każ simili l-imputazzjoni riedet tkun tali illi huma ppermettew il-ksur tal-allegati standards u mhux li kissruhom jew ma obdewhomx huma. A bażi ta' din l-argumentazzjoni huwa umilment sottomess illi ma tistax tinstab ħtija.

**Fil-ħames lok,** l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha fil-parti tal-kundanna ċċitat l-istandards imsemmija kif ukoll l-artikolu 44 tal-Kap 465 bħala l-bażi tal-kundanna tagħha. Dan hu erronju għaliex l-artikolu 44 tal-Kap 465 jipprovdi pieni unikament għal dik il-persuna "*li tinstab hatja …….. ta' reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att*". Imkien f'dan l-artikolu ma jissemma l-kliem " *jew ta' regolamenti magħmulin taħtu.*" Jekk

wieħed jifli sew l-att kollu ħolistikament hemm diversi artikoli li jagħmlu referenza għad-"dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu" (ara per eżempju l-Artikolu 38 (1) dwar il-prosekuzzjoni ta' reati u proċedimenti legali; kif ukoll l-artikoli 12(1) 13 (1) u 19); iżda dan l-artikolu partikolari u l-artikoli li jiġu qablu taħt dan it-titolu jieqfu biss b'referenza 'għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-att'. L-iskop tal-liġi kien illi ovvjament ir-regolamenti għandhom jipprovdu dawk ir-reati u pieni huma stess. Kwindi, anke jekk wieħed jasal biex jargumenta illi dawn l-istandards huma xi forma ta' regolamenti u li għandhom il-forza tal-liġi xorta jibqa l-każ illi l-appellanti qatt ma setgħu jirċievu xi kundanna taħt dan l-artikolu partikolari.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti sejra tiddeċiedi l-ewwel u qabel kollox dwar **l-ewwel u t-tieni aggravji** mressqa u cioe' primarjament illi l-*istandards* li l-appellanti ġew akkużati bihom huma biss linji gwida u m'għandhomx il-forza tal-liġi. Oltre minn hekk, l-appellanti lmentaw illi lanqas ma jirriżulta illi dawn l-*istandards* huma fost ir-regolamenti li l-Ministru responsabbli jista' jagħmel bis-saħħa tal-Artikolu 26 tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanti żiedu sabiex qalu illi mkien f'dawn l-istandards ma hemm xi provvediment li jagħmel il-ksur tagħhom reat. Fit-tieni lok, l-appellanti tennew illi ma ġiex ippruvat li kien hemm xi delega tas-Supretendent u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre komplew sabiex qalu illi f'nuqqas ta' tali prova l-azzjoni meħuda mill-Uffiċjali ta' Transport Malta kienet monka u għalhekk ma setgħetx tinstab ħtija fil-konfront tal-appellanti.

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel referenza għall-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' l-Att dwar is-Saħħa Pubblika. L-Artikolu 4(c) jistipula hekk: *'Is-Suprintendent huwa responsabbli għas-saħħa pubblika f'Malta u għandu: (ċ) joħroġ standards għas-saħħa pubblika'.* Oltre minn hekk, is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika **jista' jiddelega xi**

**__waħda mis-setgħat tiegħu lil min irid__**[1] u jista' wkoll b'ordni u fl-interess nazzjonali jagħmel xi eżenzjonijiet minn kull dispożizzjoni tal-Kap. 465.[2] Is-Suprintendent jista', jekk ikun hekk sodisfatt, jiddikjara li tkun teżisti emerġenza fis-saħħa pubblika.[3] Sussegwentament, dan ikun jista' jieħu xi miżuri sabiex ineħħi jew jelimina t-theddida għas-saħħa pubblika.[4] Il-poteri tas-Supretendent jestendu tant taħt il-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta illi saħansitra jista' jieħu miżuri sabiex jissalvagwardja kontra jew jikkontrolla epidemiji perikolużi,[5] bħal ma kienet dik tal-Covid-19. Oltre minn hekk, Artikolu 34(2) jistipula s-segwenti: ***'Is-Suprintendent jista' jagħti ordnijiet li jkun iqis meħtieġa jew adatti għall-kontroll ta' xi marda li tfaqqa u min ma jħarisx l-ordnijiet mogħtija jkun ħati ta' reat taħt dan l-artikolu***'. Hawnhekk il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Oswald Caruana__**[6] fejn f'każ simili għal dak odjern ġie ritenut is-segwenti:

> *'Ġaladarba l-istandards hawn fuq indikati għandhom jiġu implementati b'ordni tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u dan bis-saħħa tas-setgħat lilu mogħtija fil-Kapitolu 465 kif hawn fuq imfisser,* ***__kwalunkwe ksur ta' dawn l-istandards iwassal ukoll għal ksur ta' ordni maħruġa bis-saħħa tal-imsemmi Att dwar is-Saħħa Pubblika u d-dispożizzjonijiet hemmhekk infraskritti, liema ksur jikkostitwixxi reat fit-termini tal-artikolu 34 hawn fuq iċċitat.__***

[1] Artikolu 5(1) tal-Kap. 465.
[2] Artikolu 7 tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artiklolu 14(1) tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikolu 15 tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Artikolu 27 tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta.
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Novembru, 2021.

*Illi, inoltre, l-istess Kapitolu 465, fl-Artikolu 6 tiegħu, jagħti poteri investigattivi u ta' infurżar lis-Suprintendent tas-Saħħa u lill-uffiċjali awtorizzati minnu, li għall-finijiet tal-istess Att, huma awtorizzati jidħlu u jispezzjonaw kwalunkwe fond bil-għan illi jaraw li jkun hemm aderenza ma' dawn l-ordnijiet u direzzjonijiet.*

*Isegwi għalhekk illi, mogħti diversi poteri bil-Liġi sabiex irażżan il-firxa ta' mard infettiv bħal kif fil-fatt ġara bl-imxija tal-pandemija tal-Covid-19, marda li ħakmet lid-dinja u li għada tgħolli rasha sal-lum,* ***is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' joħroġ ordnijiet li għandhom jiġu skrupolożament osservati, bil-ksur ta' tali ordnijiet jikkostitwixxi reat ai fini tal-artikolu 34 tal-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta, prosegwibbli fit-termini tal-artikolu 38. Dan għaliex l-Istat għandu l-poter u l-obbligu illi jintroduċi miżuri għas-salvagwardja tas-saħħa pubblika sabiex jipprevjeni jew jillimita t-tixrid ta' epidemiji, miżuri li għandhom jiġu osservati, b'dan illi kull min jażżarda jinjora jew jgħawweġ l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri għandu jiffaċċja is-sanzjoni tal-Liġi.'***

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel u t-tieni aggravju mressqa mill-appellanti.

**It-tielet aggravju** mressaq mill-appellanti jirrigwardja l-fatt illi jekk dawn ir-regolamenti xi darba kellhom il-forza tal-liġi, illum tneħħew u għalhekk il-ksur tagħhom ma għadux jikkonstitwixxi reat u għalhekk isegwi li l-appellanti ma jistgħux jinstabu ħatja. Dan l-aggravju jirrigwardja l-applikabbilita' u l-osservanza tal-massima legali *nullum crimen sine lege*.

Hawnhekk din il-Qorti tħoss il-bżonn illi tiftaħ dwar il-prinċipju ta' non-retroattivita' espress fil-massima legali *nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege*. Dan il-prinċipju jassigura li l-ebda persuna ma tiġi penalizzata għal att li ma jkunx jikonstitwixxi reat fil-mument li jiġi mwettaq. Saħansitra, Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistipula is-segwenti:

> *'Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul.'*

Dan il-massima legali suċitat ma jiggarantixxix biss illi persuna ma tiġix penalizzata għal att illi meta ġie kommess ma kienx reat iżda wkoll, persuna ma għandhiex tiġi suġġetta għal penali iktar għolja meta reat li għalih tkun ġiet akkużata tiżdiedlu l-piena sussegwentament. Di piu' Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi dan li ġej:

> *27. Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.*

Dan l-Artikolu ġie anke ċċitat mill-Professur Anthony Mamo fejn fin-noti tiegħu "NOTES ON CRIMINAL LAW" (p. 32) qal is-segwenti:

> *"In fact, an apparent exception to the rule that a penal law cannot have a retrospective effect occurs when a new law enacted after the commission of the offence is less severe or more advantageous to the offender then the law in force at the time the offence was committed.*

*"The hypothesis is twofold:*

*8. the law against which the offence was committed is subsequently repealed so the act is no longer criminal;*

*9. the law against which the offence was committed is subsequently amended or changed so that, though the act is still criminal, the punishment or conditions of liability and prosecution are varied.*

**A.** ***The principle accepted in continental doctrine and practice, which we follow in this matter, is that, if the law on which the charge is framed is repealed without any qualification while the proceedings are still pending, such proceedings fall to the ground and no sentence against the accused can be pronounced. If before the man is tried the legislature cancels the criminal character of the act with which he stands charged, there is no longer any justification for inflicting punishment upon him. The action of the State, in repealing the former law which prohibited the act, clearly shows that the public peace and order and the public welfare are no longer endangered or harmed by such type of act and that, therefore, the State has no longer any interest in repressing it, and, consequently, no right to punish it.***

***Older writers took the view that this principle constitutes an exception to the rule that penal laws should be exclusively prospective. Their doctrine was that the repealing law is given retrospective application to the matter of inquiry arising under the repealed law, by way of an indulgence to the accused. But modern writers do not accept this explanation, and contend that***

***the principle in question has a true juridical foundation. Their argument is that, rather than an exception to the rule of non-retroactivity with regard to the new law, the said principle is an affirmation with regard to the former law, of the other rule that a law cannot operate after its repeal. In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.***

…..

*An interesting judgement explaining the true meaning and effect of the said Section 28 of our Criminal Code was delivered by His Majesty's Criminal Court in its Appellate Jurisdiction in the case* ***'The Police vs. Agostino Bugeja****' (Vol. XXIV, P. IV, p. 941)*. ***It was there held that, although the said section contemplates only the case in which the punishment provided by the law in force at the time of the trial is different from that provided by the law at the time of the commission of the offence, and no express provision exists concerning the case in which, at the time of the trial, the act complained of has ceased to be an offence, nevertheless 'arguendo***

***a fortiori' from the section, it is clear that the accused should go free from all punishment in the latter case*** *(as we have already seen). Sir M.A. Refalo C.J. said: "L'interpretazione del principio sanzionato col detto articolo 28 delle nostre Leggi Criminali, che cioe', quando vi ha differenza fra la legge penale anteriore e la nuova, un'azione commessa prima dell'attuazione della legge nuova ma sottoposta a giudizio posteriormente, deve essere giudicata con quella fra le due leggi che nel confronto apparisce piu' mite, non deve intendersi letteralmente ristretta al solo caso in cui la legge posteriore commini una pena meno grave, ma di logica, e di giustizia deve intendersi anche al caso in cui la legge posteriore dichiari che il fatto punibile sotto la antica legge non costituisce piu' reato: di logica, perche' maggior mitezza può dirsi non solo per riguardo a quella legge che commini una pena minore, ma eziandio per riguardo a quella che non commini alcuna; di giustizia, perche' la legge non puo' contraddire se stessa per dare efficacia retroattiva alla legge posteriore solo quando questa stabilisce una pena meno grave e negare poi tale efficacia retroattiva alla legge posteriore la quale, piu' che diminuire, elimina qualsiasi pena".*

Di piu' f'paġna 34 et seq tan-noti tiegħu, il-Professur Mamo qal hekk ukoll:

*"….**the principles above set forth concerning the application of the more favourable law may be set aside by an express provision in the repealing or amending law**. **This is, in Malta, commonly done, especially in respect of enactments which operate for a short period at a time and are at short intervals amended or repealed and reenacted. In such cases the necessity is obvious of saving unprejudiced any liability or proceedings incurred or instituted under the law so amended or repealed.***

*In England, the general rule is, now, that the repeal of a statute has no effect on pending proceedings. Prior to 1889, by the unqualified repeal of the Statute on which an indictment was framed, the proceedings fell to the ground and no judgement could be pronounced. A prisoner indicted for an offence against an Act which was repealed after the offence was committed, but before the prisoner was tried, could not be sentenced under the repealed Act. But as to Statutes passed since 1889, the Interpretation Act, 1889 (52 & 53 Viet. C. 63, S. 38, Ss. 2) provides that where an Act "repeals any other enactment, then unless the contrary intention appears, the repeal shall not .... .... ........ (d) affect any penalty, forfeiture or punishment incurred in respect of any offence committed against any enactment so repealed; or (e) affect any investigation, legal proceeding or remedy in respect of any such ............penalty, forfeiture or punishment as aforesaid", and that "any such investigation, legal proceeding or remedy may be instituted", continued or enforced and any such penalty, forfeiture or punishment may be imposed as if the repealing Act had not been passed". Particular clauses to the like effect were common in prior statutes. (Arch. 'Pleading, Evidence and Practice in Criminal Cases", Sd. 1931, PP. 8-9).'*

Illum il-ġurnata fil-liġi tagħna u dan saħansitra sa mis-sena 1975, insibu l-Att dwar l-Interpretazzjoni u cioe' Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta. Artikolu 12 (1) (d) u (e) ta' din il-liġi jixbħu ħafna l-liġi Ingliża suċitata u jipprovdi s-segwenti:

*'12.(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att iħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju,* ***t-tħassir m'għandux*** *–*

*(d)* ***jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;***

***(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel, u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.'***

Għaldaqstant, għalkemm ma teżistix *transitory provision* f'dan ir-rigward, f'sentenza fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta v. Morgan Ehi Egbomon</u>**[7] ikkunsidrat vertenza fejn ukoll ma kien hemm l-ebda *transitory provision* sabiex toffri aktar ċertezza legali, kweżit indispensabbli li janima s-saltna tad-dritt. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) pprovdiet is-segwenti:

*"(2) Where an Act, whether passed before or after the commencement of this Act, amends any other Act passed either before or after the commencement of this Act, or any provision of any such other Act, the Act or provision so amended, as well as anything done thereunder or by virtue thereof, shall, unless the contrary intention appears<u>, continue to have full effect, and shall so continue to have effect as amended, and subject to the changes made, by the amending Act.</u>*

[7] Deċiża nhar il-31 ta' Lulju, 2014.

***"(3) For the purposes of subarticle (2) 'amendment' means and includes any amendment, modification, change, alteration, addition or deletion, in whatsoever form or manner it is made and howsoever expressed, and includes also a provision whereby an Act or a provision thereof is substituted or replaced, or repealed and substituted, or repealed and a different provision made in place thereof."***

***23. Moreover, article 2 of the Interpretation Act defines "Act" as "an Act of Parliament and any other Act passed by the Legislature of Malta and includes any code, ordinance, proclamation, order, rule, regulation, bye-law, notice or other instrument having the force of law in Malta other than an instrument to which the Act of the Parliament of the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland entitled the Interpretation Act, 1889, applies".***

Minn imkien ma jirriżulta illi l-intenzjoni tal-leġislatur kienet illi stante dawn l-ordnijiet illum ma baqgħux jeżistu allura fil-preżent l-appellanti m'għandhomx jiġu penalizzati. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tassumi dan u timla l-vojt li jkun hemm fil-liġi - ***Ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit***.

F'dan il-punt il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenzi fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Martin Cassano**[8] u **Il-Pulizija vs Gordon Spiteri**[9] fejn issir referenza għall-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li jistipula s-segwenti:

[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Settembru, 2017.
[9] Deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali nhar is-26 ta' Ottubru, 2017.

*'1. Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkunu saru. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*

*2. Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkunu saru, kienu kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati.'*

Fl-istess sentenzi jingħad illi għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat jista' jitkompla f'dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni dan qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Din il-Qorti tkompli sabiex tispjega u sabiex ma jkunx hemm dubju f'dan ir-rigward, illi l-Artikolu 7(2) suċitat m'għandux ikollu applikazzjoni ġenerali u dan kien ġie mfassal sabiex jitkomplew prosekuzzjonijiet konnessi ma' *war crimes*. Fil-'*Guide on Article 7 of the Convention – No punishment without law*'[10] saħansitra ġie ritenut is-segwenti:

*'62. It transpires from the travaux préparatoires to the Convention that Article 7 § 1 can be considered to contain the general rule of non-retroactivity and that <u>Article 7 § 2 is only a contextual clarification of the liability limb of that rule, included so as to ensure that there was no doubt about the validity of prosecutions after the Second World War in respect of the crimes committed during that war (Kononov v. Latvia</u>*

[10] https://www.echr.coe.int/Documents/Guide_Art_7_ENG.pdf, p. 22

*[GC], § 186; Maktouf and Damjanović v. Bosnia and Herzegovina [GC], § 72).* ***This makes it clear that the authors of the Convention did not intend to allow for a general exception to the non-retroactivity rule.*** ***In fact, the Court has pointed out in several cases that the two paragraphs of Article 7 are interlinked and are to be interpreted in a concordant manner*** *(Tess v. Latvia (dec.); Kononov v. Latvia [GC], § 186)'*

**Din il-Qorti tenfasizza illi din hija Qorti Kriminali u għaldaqtant m'għandhiex kompetenza tiddeċiedi jew tippronunċja ruħha dwar jekk l-Artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni hux leżiv tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem *o meno*. Dan *stante* l-fatt illi hija sta għall-Qrati Kostituzzjonali li jiddeċiedu dwar dan u mhux għal din il-Qorti.** Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha pprovduti *supra*, din il-Qorti qegħda wkoll tiċħad it-tielet aggravju mressaq mill-appellanti.

**Fir-raba' aggravju** tagħhom l-appellanti jsostnu illi huma qatt ma setgħu jiġu misjuba ħatja tar-reat miġjub kontrihom u dan għaliex ħadd minnhom ma kien il-kaptan tal-bastiment, jew kellu t-treġija tal-bastiment jew kellu r-responsabbilta' ta' dak li kien qed jiġri fuq il-bastiment. L-appellanti enfasizzaw illi riedet tinġieb prova illi huma kienu jafu jew li huma ppermettew dak li sar u din ma nġabitx mill-prosekuzzjoni. Fiċ-ċertifikat esebit a fol. 25 tal-atti proċesswali jirriżulta illi l-appellanti huma indikati bħala *licesensed operators*. F'dan il-*Commercial Vessel Certificate* hemm indikazzjoni għall-*Commercial Vessels Regulations*. Il-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.23 bl-isem Regolamenti Dwar il-Bastimenti Kummerċjali, speċifikament ir-regolament 17 jistipula s-segwenti: *'Min għandu liċenza taħt dawn ir-regolamenti għandu jħares kull istruzzjoni, ordni jew direttiva maħruġa minn żmien għal żmien mill-Awtorità'*. Skont ir-

regolament numru 3, il-kelma '"*Awtorità" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kif imwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta*'.

Minkejja l-awtorita' konċernata hija differenti u dan qiegħed jingħad peress li l-*istandards* mertu tal-każ odjern ġew maħruga taħt l-Att dwar is-Saħħa Pubblika, ir-regolament 17 suċitat juri illi l-appellanti fil-kapaċita' taghhom ta' *licensed operators* għandhom obbligu li jħarsu ordinjiet. Huma l-appellanti li kellhom iġibu prova quddiem din il-Qorti illi huma għamlu dak kollu li setgħu u li impjegaw persuna kompetenti biżżejjed u li anke taw l-istruzzjonijiet kollha neċessarji sabiex dawn l-*istandards* jiġu obduti, iżda dan ma sarx. In vista tas-suespost, din il-Qorti qegħda wkoll tiċħad dan l-aggravju.

Il-**<u>ħames aggravju</u>** mressaq mill-appellanti jikkonċerna l-fatt illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ċċitat l-Artikolu 44 tal-Kap. 465 bħala bażi tal-kundanna tagħha. Dan l-Artikolu jibda b'dawn il-preċiż kelmiet: *'Persuna li tinstab ħatja għall-ewwel darba ta' reat <u>kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att..</u>'* Madankollu, dan l-Artikolu ma jispeċifikax il-kelmiet *'jew ta' regolamenti magħmulin taħtu.'* Għaldaqstant l-appellanti qed jenfasizzaw illi huma qatt ma setgħu jirċievu xi kundanna taħt dan l-Artikolu partikolari.

Illi ma hemmx dubju illi l-*istandards* mertu tal-każ odjern ħarġu taħt il-Kap 465 tal-Liġijiet ta' Malta u dan jista' anke jiġi nnutat fil-bidu ta' dawn l-istess *standrards* fejn hemm stipulat hekk: *'The following standards are issued under the Public Health Act Chapter 465 of the Laws of Malta.'*

Din il-Qorti għalhekk temmen illi d-deċizjoni tal-Ewwel Qorti sabiex tapplika l-Artikolu 44 tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta kienet korretta u dan għaliex hu l-Artikolu li jitratta l-pieni applikabbli taħt l-istess liġi. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qegħda tiċħad ukoll il-ħames aggravju mressaq mill-appellanti.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qegħda tiċħad l-aggravji kollha hekk kif imressqa mill-appellanti u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier tagħha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

**Imħallef**

(ft) Mary Jane Attard

**Deputat Reġistratur**

Vera Kopja

Għar-Reġistratur